XEWKIJA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija

# Is-SITT LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 56

17 ta' Novembru 2016

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tinghi, Xewkija, Għawdex, fil-4.45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi – Sindku
Domenic Zerafa – Viċi Sindku
Hubert Saliba – Kunsillier
Jeanelle Attard - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

George Zammit – Kunsillier

ASSENTI
n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Odette Camilleri – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### 56.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

56.1.1 Il-minuti tal-laqgħa 52 u 55 ġew approvati.

### 56.2 Punti mqajjma mill-Minuti

56.2.1 Ma kien hemm ebda punti mqajma mill-minuti.

### 56.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

56.3.1 Is-Sindku nforma lil preżenti illi Marion Mizzi Health & Fitness ser taghti prezz sussidjat lir-residenti jekk jibbukjaw ghal xi servizz mal-Kunsill. Il-membri qablu li għandu joħroġ l-avviż mal-bullettin.

56.3.2 Is-Sindku informa lil preżenti li l-ħaddiema tal-Kunsill għamlu is-sinjali tat-traffiku fi Triq San Zakkarija skond il-permessi ta' Transport Malta.

56.3.2 Is-Sindku spjega li M313 kważi magħluq. Fadal biss ir-*refund* fuq il-VAT.

56.3.4 Is-Sindku qal li ix-xogħol ta' l-offerta ta' l-*urban greening* għaddej b'rittmu mgħaġġel. Il-kuntrattur ser jgħaddi l-*invoices* lil Kunsill sabiex inkunu nistgħu ngħadduhom lil Ministeru kkonċernat.

56.3.5 Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa ma tal-Go plc sabiex l-linji tat-telefon jitjiebu billi minflok ma l-Ozone nużaw is-servizz tal-Go. Talab ukoll sabiex issir linja tat-telefon fil-lift tal-Pjazza. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tieħu ħsieb dan.

56.3.6 Ġie mistieden jidħol fil-kamra is-Sur Damian Whitehead – Chief Officer tal-Malta Industrial Parks Ltd (MIP). Is-Sur Whitehead talab l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex id-daħla wara Triq Santa Elizabetta taqa' f'idejn l-MIP biex tiġi *released* mill-Kunsill sabiex tiġi żviluppata bħala *Industrial Unit.* Il-membri qablu ma dan imbasta l-*buffer zone* ma tiġix żviluppata. Is-Sur Saliba propona li l-*buffer zone* għanda tiġi żviluppata fi ġnien u l-MIP jagħtu għajnuna lil Kunsill. Il-membri preżenti qablu. Ġie ffirmat kuntratt mis-Sindku u is-Sur Whitehead rigward l-biċċa art li ser tiġi *released* mill-Kunsill. Is-Sur Whitehead wiegħed lil Kunsill li l-MIP ser jagħti kontribut lil Kunsill sabiex ikun jista' jsir il-ġnien propost.

56.3.7 Is-Sindku talab sabiex terġa issir *reminder* lil Perit Stellini biex iħejji BOQ ta' l-aperturi ta' l-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill.

56.3.8 Fuq parir ta' l-Avukat Renata Formosa s-Sindku propona sabiex il-Perit Clint Camilleri għandu jingħatalu persentaġġ mill-ħlas dovut. Is-Sna. Attard ma taqbilx ma dan peress li din għadha ma nqetgħetx mill-qorti. Wara diskussjoni il-membri qablu li għandu jitħallas skond il-parir ta' l-Avukat.

56.3.9 Emejl mid-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-proċess ta' ingaġġ ta' Seg. Eżekuttiv ġie kanċellat u għandu jinbeda' mill-ġdid b'membri tal-bord differenti.

56.3.10 Emejl mill-Fondazzjoni Santa Cecilja fejn talbu għajnuna finanzjara ta' €100. Il-membri qablu li jekk jiġu jkantaw f'lejliet il-Milied waqt l-attivita' fil-Pjazza, l-Kunsill iħallashom €100 tas-servizz.

56.3.11 Emejl mill-Enemalta fejn talbu sabiex tiġi ixiftjata bozza fi Triq il-Ħamrija u tnejn oħra fi Triq il-Gruwa. Il-membri qablu li jsir dan ix-xogħol mill-Kuntrattur Richard Cauchi.

56.3.12 Talba minn resident sabiex issir bozza fejn ir-razzett tiegħu fi Triq is-Salvatur. Il-membri qablu li għandu jiġi komunikat ma Galea Curmi biex jiġi verifikat tistax issir.

56.3.13 Talba minn resident sabiex issir bozza ġdida fi Triq is-Salib. Il-membri qablu li din għandha ssir.

56.3.14 Emejl mill-Onor Justyne Caruana fejn talbet sabiex isir *patching* fi Trejqet l-Għammiedi. Il-membri qablu li dan għandu jsir proviżorju u malli l-Kunsill ikollu l-fondi jagħmel it-toroq kollha bil-*patching* kif suppost. Il-membri qablu wkoll li għandha tinġieb stima minn għand il-Perit Stellini għal *patching* tat-toroq u l-isqaqien.

56.3.15 Emejl minngħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn infurmaw lil Kunsill li għandu l-approvazzjoni sabiex jiġi impjegat persuna b'diżabilita' *part time*.

56.3.16 Ittra mid-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti fejn infurmaw lil Kunsill sabiex tinqala l-palma infettata fis-*central strip* ta' Triq il-Ġiżi.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

56.4.1 Il-Viċi Sindku talab sabiex it-tabella mkissra li hemm mal-*bring in sites* tal-Barmil titneħħa u minflok titpoġġa t-tabella ta' Triq Widnet il-Baħar fejn kien hemm il-*bring in sites*. Il-membri qablu.

56.4.2 Il-membri qablu li l-ħaddiem tal-Kunsill Mario Zammit għandu jirranġa l-bankina fil-kantuniera ta' l-iskola fi Triq il-Ħamrija kantuniera ma Triq Widnet il-Baħar.

56.4.3 Is-Sur Saliba qal li l-*playing field* tal-Barmil ġie sabih ħafna u staqsa jekk l-*area* fejn hemm is-siġar jistax jiġi *turf* ħalli tingħata dehra isbaħ. Is-Sindku qal li jista' minflok *turf* isiru *flower beds.*

56.4.4 Il-membri qablu li l-latrini pubbliċi ta' Pjazza San Gwann Battista għandhom jinxtegħlu bis-*sensor* sabiex ma jinħeliex dawl żejjed għal xejn.

## 56.5 *Attivitajiet tal-Milied*

56.5.1 Il-membri qablu li għandhom isiru dawn l-attivitajiet għal Milied.

- Issir l-ikla tal-Milied lil Anzjani fil-Fliegu Restaurant. Il-prezz għal min jattendi

din l-ikla għandha tkun ta' €15. Waqt l-ikla jitellgħu *spot prizes* kif ukoll jitqassam rigal lil anzjani – Panettone u flixkun inbid.

- Isir Weekend Break mis-16 sat-18 ta' Diċembru 2016 fis-Seashells Resort at Suncrest għar-residenti.
- Issir ħarġa għat-tfal tar-raħal fejn imorru jaraw film l-Oratorju Don Bosco għal prezz ta' €3. Dak inhar il-Kunsill jiprovdi popcorn u juice lit-tfal kollha li jattendu.
- Lejliet il-milied wara l-priedka tat-tifel għandha tiġi organizzata serata fejn *Father Christmas* jiltaqa' mat-tfal u l-familji preżenti u jingħata rigal lit-tfal li jkunu ġabu r-rigal il-Kunsill. Issir ukoll tinda kbira u *set up* biex ikunu jistgħu jittieħdu ritratti ma *Father Christmas*. Dak in-nhar jinġabru donazzjonijiet għal MCCF.

## 56.6 Jum ix-Xewkija 2016

56.6.1 Is-Seg. Eżekuttiv isottomettiet l-programm għal Jum ix-Xewkija lil membri preżenti. Kien hemm qbil li jiġu mislufa xtieli mill-Agrikoltura sabiex tisebbaħ l-entratura taċ-ċentru kif ukoll il-monument tal-vittmi tal-gwerra. Jiġu mistiedna l-familjari tal-vittmi tal-gwerra kif ukoll isir *projector* waqt Jum ix-Xewkija sabiex jintwerew ir-ritratti ta' Maria Pia Saliba li rebħet Ġieħ ix-Xewkija u ta' Charles Borg li rebaħ Ġieħ Ħidmet iż-Żgħażagħ.

## 56.7 *Playing Field* tal-Ħamrija

56.7.1 Il-membri qablu li għandha ssir *assessment* bil-*costings* mill-Perit Stellini sabiex kemm jista' jkun inġibu għajnuna mill-iskema A+.

## 56.8 Is-Servizz ta' ġbir ta' skart goff

56.8.1 Is-Sindku propona li minflok toħroġ offerta għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff għandu jibda' jinġabar mill-ħaddiema tal-Kunsill. Kompla jgħid li l-ħaddiema tal-Kunsill diġa qablu ma dan u għalhekk sabiex l-Kunsill ma jkollux spejjes għandhom jitulizzaw lil dawn il-ħaddiema. Il-membri qablu.

## 56.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

56.9.1 L-iskeda ta' pagamenti Nru 14-56 ġiet approvata u ffirmata.

## 56.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

56.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta' fil-għaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2016 fil-4.30 ta' fil-għaxija.

Konfermati, illum 19 ta' Diċembru 2016

IFFIRMATA

Paul Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Odette Camilleri
A. Segretarju Eżekuttiv